

32006E0029

L 19/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.1.2006

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/29/PESK**tat-23 ta' Jannar 2006****li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 96/184/PESK dwar l-esportazzjoni ta' l-armi lejn l-ex Jugoslavja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Frar 1996 il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 96/184/PESK ⁽¹⁾ dwar l-esportazzjonijiet ta' l-armi lejn l-ex Jugoslavja, li ġiet emendata diversi drabi. Konsegwentement, l-embargo fuq l-armi impost fl-1996 japplika biss għall-Bosnia u Herzegovina.
- (2) Żviluppi fil-Bosnia u Herzegovina, inkluż il-fatt li issa ġiet adottata u qiegħda tiġi implementata mill-Bosnia u Herzegovina leġislazzjoni dwar l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u t-transitu ta' armi li tilħaq l-istandards rekwiżiti ta' l-UE, jġġustifikaw it-tneħħija tal-miżuri ristrettivi meħuda kontra dak l-Istat konformement mal-Pożizzjoni Komuni 96/184/PESK.
- (3) Barra minn hekk, fil-21 ta' Novembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati mal-Bosnia u Herzegovina dwar Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.
- (4) Il-Pożizzjoni Komuni 96/184/PESK għandha għalhekk tiġi mħassra, bil-fehma li l-Istati Membri japplikaw b'mod rigoruż il-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar l-esportazzjonijiet ta' l-armi adottata fit-8 ta' Ġunju 1998, u, fir-rigward ta' esportazzjonijiet lill-ex Jugoslavja jieħdu kont ta' l-oġġettivi tal-politika ta' l-UE fir-reġjun, li hija fundamentalmment immirata lejn il-paċifikazzjoni u l-istabbilizzazzjoni fiż-żona, inkluża l-ħtieġa ta' kontroll ta' l-armi, ta' tnaqqis ta' l-armi għal-livell l-aktar baxx possibbli u ta' miżuri li jkattru l-fiduċja,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 96/184/PESK hija b'dan imħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 58, 7.3.1996, p. 1. Pożizzjoni Komuni kif l-aħħar emendata mill-Pożizzjoni Komuni 2001/719/PESK (ĠU L 268, 9.10.2001, p. 49).

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Jannar 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL
